# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 2 ta’ Mejju 2001.**

**Numru 2**

**Avviz numru 952/97 JAB**

**Mid-Med Bank Limited p.l.c gja Mid-Med Bank p.l.c gja Mid-Med Bank Limited kif jidher rispettivament minn noti tat-23 ta’ Frar 1998 u tat-28 ta’ Ottubru 1999 a fol. 29 u 36 tal-process.**

**vs**

**Anthony Bezzina u Doris Bezzina**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. L-attur l-appellatipprezenta avviz fejn talab lill-ewwel Qorti tikkundanna lill-appellanti jizgombraw mill-fond bl-isem “St. Lawrence”, St. Publius Street, San Pawl il-Bahar, li ghandu valur lokatizju li ma jeccedix l-elf lira Maltin fis-sena u li l-konvenuti kienu qeghdin jokkupaw minghajr titolu validu fil-ligi.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. L-appellanti eccepew illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenut ghandu titolu ta' proprjeta' assoluta fuq il-fond imsemmi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza taghha ta' l-10 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet premessi laqghat it-talba attrici bl-ispejjez.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. L-appellanti hassew ruhhom aggravati minn din is-sentenza u interponew appella minna fuq l-aggravji segwenti :-

Illi b'sentenza li qed tigi appellata hija nulla stante li nghatat favur socjeta' kummercjali li llum hija inezistenti. Fid-data tas-sentenza, ossia l-10 ta' Jannar 2000 ma kien hemm l-ebda socjeta' bl-isem ta' Mid-Med Bank Limited. Kellu se mai jidher il-Qorti rappresentant ta' l-HSBC u jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva fl-okkju.

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu lil din il-Qorti jogghobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2000 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna fl-

ismijiet premessi u tirrimandi l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex isir l-aggustament fl-okkju u terga' tinghata sentenza skond il-ligi u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' HSBC BANK MALTA P.L.C. GIA' MID-MED BANK P.L.C. GIA' MID-MED BANK LIMITED GHAR-RIKORS TA' ANTHONY BEZZINA U DORIS BEZZINA**

5. L-appellat nomine wiegeb hekk :-

Illi l-appell odjern huwa null u bla effett stante li ma nghatat l-ebda sentenza fl-okkju indikat fid-data tal-10 ta' Jannar 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna.

Illi dak li effettivament gara huwa zball tipografiku fl-ismijiet fit-traskrizzjoni tas-sentenza originali li hija miktuba fl-original taghha kif huwa evidenti mill-atti.

Illi sabiex jiffacilita il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti, jinghad illi l-kawza kienet intavolta mill-Mid-Med Bank Limited u peress illi fil-mori tal-kawza s-socjeta' attrici bidlet isimha, kienet intavolat nota datata 23 ta' Frar 1998 u sussegwentement fit-28 ta' Ottubru 1999 intavolat sussegwentement fit-28 ta' Ottubru 1999 intavolat nota ohra rigwardanti l-bdil ta' isimha ghall-HSBC Bank Malta p.l.c., u dan sabiex il-Qorti tordna il-korrezzjoni mehtiega ; sussegwentement inghatat is-sentenza

appellata fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. kontra Anthony Bezzina u Doris Bezzina.

Illi inoltre, anke fl-ghar ipotezi, l-aggravju tal-appellant mhux ammissibbli ghaliex tali cirkustanza hija rimedjabbli permess ta' talba b'rikors quddiem l-istess Qorti.

Illi s-socjeta' appellata m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dan l-appell.

Ghalhekk l-appellat nomine talab illi din il-Qorti joghgobha tirrispingi l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-aggravju tal-konvenuti huwa wiehed ta' natura legali. Jallega li s-sentenza nghatat f'isem socjeta' kummercjali inezistenti ghar-raguni li fid-data ta' din inghatat il-Mid-Med Bank Limited ma baqghetx topera u flokha ssubentrat l-HSBC Bank Malta p.l.c. u ghalhekk, fin-nuqqas ta' debita korrezzjoni, s-sentenza appellata hija nulla.

7. Wara li ezaminat l-atti, din il-Qorti issib li l-konvenuti appellanti m'humiex ghal kollox korretti ghaliex effettivament is-sentenza inghatat korrettement, jigifieri f'isem is-socjeta' HSBC Malta p.l.c. – ara senetnza a fol. 42 u 43 tal-process. Li gara hu li t-traskrizzjoni dattilografata ta' l-original kienet tikkontjeni zball ghax ma kienitx tirrifletti din il-bidla. Fil-

fatt il-korrezzjoni ghal fini tal-intromissjoni fl-atti da parti tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. gja' kienet intalbet u giet akkordata u kien ghall-istess raguni li l-Qorti tal-Magistrati tat sentenza f'dawn l-ismijiet. Kwindi non si tratta ta' nullita' kif sottomess mill-appellanti konvenuti. F'kull kaz ukoll ix-xorta ta' zball – dattilografat erronju ta' l-iskritt original – ma kienx jimporta n-nullita' ta' dak deciz ghax jibqa' dejjem sanabbli wara semplici talba appozita minn parti interessata. Ghalhekk l-appell tal-konvenuti mhuwiex fondat u mhux kaz ta' thassir jew revoka tas-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi <u>tichad</u> l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom.

Dep/Reg

mg